DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/612

tas-7 ta' April 2016

dwar l-Għajnuna mill-Istat SA 28876 - 2012/C (ex CP 202/2009) implimentata mill-Greċja għat-Terminal tal-Port tal-Kontejners ta' Piraeus

(notifikata bid-dokument C(2018) 1978)

(It-test Grieg biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fit-23 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni finali ([1]) ("deċiżjoni finali") li permezz tagħha kkonkludiet li l-Greċja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea daħħlet fis-seħħ miżuri ta' għajnuna inkompatibbli favur t-Terminal tal-Port tal-Kontejners ta' Piraeus S.A ("TPK") u l-kumpanija omm u l-kreditur tagħha, Cosco Pacific Limited ("Cosco"), u ordnat it-tneħħija u l-irkupru tal-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni.

(2) Fit-2 ta' Ġunju 2015, il-Greċja ressqet appell mid-deċiżjoni finali quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURA

2.1. Id-deċiżjoni finali

(3) Fl-2009 il-Kummissjoni rċeviet ilmenti dwar diversi miżuri fiskali mogħtija mil-liġi 3755/2009 ("il-Liġi") lid-detentur tal-konċessjoni bħala parti mill-Port ta' Piraeus, Cosco u s-sussidjarju tagħha t-TPK ([2]). Dawn l-eżenzjonijiet jirrigwardaw il-konċessjoni inizjali mogħtija fl-2008. Fil-11 ta' Lulju 2012 il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni li tqajjem dubji dwar dawn l-eżenzjonijiet mit-taxxa ("id-deċiżjoni tal-ftuħ") ([3]). Fit-23 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni kkonkludiet l-investigazzjoni formali tal-każ u kkunsidrat li l-miżuri li ġejjin kienu jikkostitwixxu għajnuna illegali u inkompatibbli mill-Istat ([4]):

— Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu fuq l-imgħax akkumulat sad-data tal-bidu tal-operazzjoni tal-moll III;

— Dritt għal rifużjoni tal-kreditu tal-VAT irrispettivament mill-istadju ta' tlestija tal-oġġett tal-kuntratt; definizzjoni tal-kunċett ta' "oġġett ta' investiment" għall-finijiet tar-regoli dwar il-VAT; dritt għall-imgħaxijiet arretrati mill-ewwel jum wara s-60 jum wara t-talba għar-rifużjoni tal-VAT;

— Ir-riport tat-telf mingħajr ebda limitazzjoni ta' żmien;

— Għażla minn fost tliet metodi ta' deprezzament li jirrigwardaw l-ispejjeż tal-investiment tar-rikostruzzjoni ta' Moll II u l-kostruzzjoni ta' Moll III;

— Eżenzjoni mit-taxxa tal-boll fuq il-ftehimiet ta' self u kwalunkwe ftehim anċillari għall-finanzjament tal-proġett;

— Eżenzjoni mit-taxxi, taxxi tal-boll, kontribuzzjonijiet u kwalunkwe dritt favur l-Istat jew partijiet terzi fuq il-kuntratti bejn il-kredituri tal-ftehimiet ta' self li taħthom huma trasferiti l-obbligi u d-drittijiet li jirriżultaw minnhom;

([1]) ĠU L 269, 15.10.2015, p. 93.
([2]) Ara l-premessi 10 sa 19 tad-deċiżjoni finali.
([3]) ĠU C 301, 5.10.2012, p. 55.
([4]) Ara l-Artikolu (1) tad-deċiżjoni finali.

— Eżenzjoni minn taxxi tal-boll għal kwalunkwe kumpens imħallas mill-Awtorità tal-Port ta' Piraeus ("APP") lit-TPK taħt il-kuntratt ta' Konċessjoni, li huwa barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi dwar il-VAT;

— Protezzjoni skont l-iskema speċjali għall-investimenti barranin.

(4) Fl-istess deċiżjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li l-Greċja ma tat l-ebda għajnuna mill-Istat billi eżentat lit-TPK minn regoli dwar esproprjazzjoni sfurzata ([1]).

2.2. **Il-miżura li qed tiġi vvalutata: eżenzjoni tat-taxxa tal-boll għal kumpensi mħallsa mill-APP lit-TPK** ([2])

(5) Rigward l-eżenzjoni mit-taxxa tal-boll għal kumpensi mħallsa mill-APP lit-TPK, fid-deċiżjoni finali, il-Kummissjoni kkonkludiet li kienet tinvolvi vantaġġ selettiv favur it-TPK peress li taffiet il-ħlas ta' taxxi tal-bolla fil-każ ta': a) kumpens imħalla mill-APP minħabba l-attivazzjoni ta' klawżola penali tal-kuntratt ta' konċessjoni, jew b) tipi oħra ta' kumpens imħallsa mill-APP, bħal pereżempju għal danni relatati mal-kuntratt ta' konċessjoni jew għal ksur internazzjonali ta' kuntratt ([3]).

(6) B'mod partikulari fir-rigward tal-każ ta' kumpens imħallas mill-APP minħabba l-attivazzjoni ta' klawżola penali (jiġifieri taħt (a) fil-premessa eżatt hawn fuq) il-Kummissjoni kkonkludiet li l-vantaġġ mogħti lit-TPK kkonsista fil-fatt li taffietlu l-ħlas ta' taxxa tal-boll fissa ([4]) f'każijiet bħal dawn. Din il-konklużjoni kienet ibbażata fuq il-kunsiderazzjoni li skont il-qafas ġeneralment applikabbli, jiġifieri l-kodiċi dwar it-taxxa tal-boll ([5]) kif interpretat miċ-ċirkulari 44/1987, l-attivazzjoni ta' ftehim anċillari relatat ma' kuntratt soġġett għall-VAT hija soġġetta għal taxxa tal-boll fissa ([6]).

(7) Madankollu, fl-applikazzjoni tagħha għall-annullament tad-deċiżjoni finali quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Greċja indikat li d-dazji tal-boll fissi ilhom li tneħħew b'mod ġenerali sa mill-2001 ([7]), jiġifieri qabel il-liġi 3755/2009 introduċiet l-eżenzjoni rilevanti favur it-TPK.

3. **VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA**

(8) Waqt il-proċedura amministrattiva li wasslet għad-deċiżjoni finali, l-awtoritajiet Griegi qatt ma ġibdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li d-dazji tal-boll fissa ilhom li tneħħew sa mill-2001, permezz tal-Artikolu 25 tal-liġi 2873/2000. L-awtoritajiet Griegi qatt ma semmew dan il-fatt, minkejja li d-deċiżjoni ta' ftuħ kienet fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali tal-Artikolu 108(2) TFUE fir-rigward tal-eżenzjoni tat-TPK mid-dazji tal-boll *b'mod ġenerali* (inklużi d-dazji tal-boll fissi u proporzjonali), ipprovduti lit-TPK abbażi tal-Artikolu 2(10) tal-Liġi ([8]). Għaldaqstant, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni meta d-deċiżjoni finali ġiet adottata, il-Kummissjoni kienet intitolata li tikkonkludi li l-Artikolu 2(10) tal-Liġi ta għajnuna inkompatibbli mill-Istat lit-TPK billi eżentah mid-dazji tal-boll kemm fissi kif ukoll proporzjonali fuq kumpens imħallas mill-APP lit-TPK skont il-kuntratt ta' konċessjoni ([9]).

(9) Anki jekk l-awtoritajiet Griegi għarrfu tardivament ([10]) lill-Kummissjoni dwar it-tneħħija ġenerali tad-dazji tal-boll fissi, il-Kummissjoni, li taġixxi bħala amministrazzjoni tajba u għalkemm mhix obbligata li timmodifika d-deċiżjoni finali, tixtieq madankollu timmodifika dik id-deċiżjoni finali, sabiex tirrifletti b'mod sħiħ is-sitwazzjoni. Speċifikament, fid-dawl tal-Artikolu 25 tal-liġi 2873/2000, il-Kummissjoni m'għad għandha l-ebda raġuni biex tikkunsidra li l-eżenzjoni tal-Artikolu 2(10) tal-Liġi tagħti vantaġġ lit-TPK f'każ li l-APP tħallas kumpens lit-TPK minħabba l-attivazzjoni ta' klawżola penali tal-kuntratt ta' konċessjoni. Skont ir-regoli ġeneralment applikabbli għal dan it-tip ta' ħlas ta' kumpens. ebda dazju tal-boll ma kien dovut fil-mument li l-liġi 3755/2009 ġiet adottata. Għaldaqstant, l-eżenzjoni mid-dazju tal-boll rilevanti ma tagħtix vantaġġ selettiv lit-TPK u, għalhekk, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-istat, f'dan ir-rigward.

(10) Peress li l-Kummissjoni kienet mgħarrfa b'din l-informazzjoni biss wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali tagħha f'dan il-każ, fl-ispirtu ta' amministrazzjoni pubblika tajba, issa ddeċidiet li temenda d-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Marzu 2015 dwar dan il-vantaġġ speċifiku tal-miżura. Id-deċiżjoni finali mhix modifikata bi kwalunkwe mod fir-rigward tal-eżenzjoni tat-TPK mid-dazju tal-boll (proporzjonali) normalment dovuta għal tipi oħrajn ta' kumpens imħallas mill-APP (jiġifieri skont (b) fil-premessa (5) għad-deċiżjoni preżenti).

([1]) Ara l-Artikolu (2) tad-deċiżjoni finali.
([2]) L-Artikolu 2, paragrafu 10 tal-Liġi 3755/2009.
([3]) Ara l-premessi 195-209 tad-deċiżjoni finali, u b'mod partikolari l-premessi 202-205.
([4]) Ara l-premessi 201-203 tad-deċiżjoni finali.
([5]) Id-digriet presidenzjali tat-28-7-1931, ĠU A239 1931.
([6]) Ara l-premessa 197 tad-deċiżjoni finali.
([7]) Skont l-Artikolu 25 tal-liġi 2873/2000.
([8]) Ara t-taqsima 4.2.3.8 (premessi 194-203) tad-deċiżjoni tal-ftuħ.
([9]) Ara wkoll il-Każ C-390/06 *Nuova Agricast* EU:C:2008:224, para. 54.
([10]) Għall-ewwel darba bl-applikazzjoni għall-annullament tad-deċiżjoni finali quddiem il-Qorti Ġenerali.

4. **KONKLUŻJONI**

(11) Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li l-Greċja ma tatx għajnuna mill-Istat lit-TPK fil-forma ta' eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxi tal-boll f'każ li l-APP tħallas kumpens lit-TPK minħabba l-attivazzjoni ta' klawżola penali tal-kuntratt ta' konċessjoni. Għaldaqstant, hi temenda d-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Marzu 2015 fir-rigward ta' dan l-aspett tal-miżura. Il-konklużjonijiet kollha l-oħra ta' din id-deċiżjoni jibqgħu l-istess.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fis-seba' punt numerat tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni fil-każ SA.28876 dwar it-terminal tal-Port tal-Kontejners ta' Piraeus u Cosco Pacific Limitied (ĠU L 269, 15.10.2015, p. 93) tiżdied sentenza oħra kif ġej:

"din il-miżura ma tkoprix il-kumpens lit-TPK minħabba l-attivazzjoni tal-klawżola penali tal-kuntratt ta' Konċessjoni, fejn xorta waħda l-ebda taxxa tal-bolla mhi dovuta;"

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni